DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

21 ta' Ġunju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikolu 101 TFUE — Trasport bit-triq — Prezz tas-servizzi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq f'isem terzi li ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat — Kompetizzjoni — Iffissar ta' spejjeż mill-Ministeru tal-Infrastrutturi u tat-Trasport"

Fil-Kawża C-121/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale di Cagliari (qorti ta' Cagliari, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Ottubru 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Frar 2016, fil-proċedura

Salumificio Murru SpA

vs

Autotrasporti di Marongiu Remigio,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn D. Šváby (Relatur), President ta' Awla, J. Malenovský u M. Vilaras, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat, skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Salumificio Murru SpA u Autotrasporti di Marongiu Remigio fir-rigward tal-ħlas ta' somma li tikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont effettivament imħallas għad-diversi operazzjonijiet ta' trasport u l-ammont dovut skont leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa l-prezz tas-servizzi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq f'isem terzi.

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-Liġi Nru 32, tal-1 ta' Marzu 2005, li tiddelega lill-Gvern ir-riforma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport bit-triq tal-persuni u tal-merkanzija (GURI Nru 57, tal-10 ta' Marzu 2005, p. 5) għandha l-għan li tintroduċi, b'mod partikolari, liberalizzazzjoni rregolata u li tissostitwixxi s-sistema preċedenti ta' tariffi obbligatorji skont il-kategoriji b'sistema bbażata fuq negozjati ħielsa tal-prezzijiet għas-servizzi ta' trasport bit-triq.

4 Fil-kuntest tad-delega prevista mil-Liġi Nru 32, tal-1 ta' Marzu 2005, il-Gvern Taljan adotta diversi digrieti leġiżlattivi, inkluż id-Digriet Leġiżlattiv Nru 284, tal-21 ta' Novembru 2005 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 6, tad-9 ta' Jannar 2006), li waqqaf il-Consulta generale per l'autotrasporto e la logistica (Kunsill Ġenerali għat-trasport bit-triq u l-loġistika, l-Italja), istituzzjoni b'kompiti ta' konsulenza, u bħala korp tagħha, l-Osservatorio sulle attività di autotrasporto (Osservatorju tat-trasport bit-triq, l-Italja, iktar 'il quddiem l-"Osservatorio"), kompost minn għaxar membri magħżula mill-President tal-Kunsill Ġenerali għat-trasport bit-triq u l-loġistika, li jeżerċita b'mod partikolari, funzjonijiet ta' sorveljanza li jikkonċernaw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà fit-toroq u s-sigurtà soċjali u jaġġorna l-prattiki u l-użanzi applikabbli għall-kuntratti ta' trasport tal-merkanzija bit-triq konklużi oralment.

5 L-Artikolu 83a tad-Digriet Liġi Nru 112, tal-25 ta' Ġunju 2008 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Liġi Nru 112/2008"), sussegwentement, naqqas il-portata tal-liberalizzazzjoni tat-tariffi introdotta bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 286, tal-21 ta' Novembru 2005, billi pprovda, għal dak li jikkonċerna l-kuntratti konklużi oralment, li r-remunerazzjoni dovuta mill-klijent ma tistax tkun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat li l-iffissar tagħhom ġie fdat lill-Osservatorio u li jinkludu l-prezz medju tal-karburant għal kull kilometru, għad-diversi tipi ta' vetturi, iffissata kull xahar, u, il-parti, espressa f'perċentwali tal-ispejjeż tal-operat tal-impriża tat-trasport bit-triq f'isem terzi rrappreżentata mill-ispejjeż tal-karburant, iffissata kull sitt xhur.

6 L-Artikolu 83a (10) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008 kien jipprevedi li "[s]a fejn id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 [li kienu jirregolaw l-attività tal-Osservatorio] ma jkunux disponibbli, il-Ministeru tal-Infrastrutturi u tat-Trasport għandu jiffissa, għad-diversi tipi ta' vetturi u skont il-kilometri misjuqa, l-indiċijiet tal-prezz tal-karburant għal kull kilometru u l-impatt tiegħu, abbażi tad-data fil-pussess tiegħu u ta' dikjarazzjonijiet mensili tal-prezz medju tad-diesel tat-triq imwettqa mill-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku, wara li jkunu nstemgħu l-aktar assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tat-trasportaturi u tal-klijenti tagħhom".

7 Skont il-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu 83a, "[i]d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 10 ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għall-bidliet fil-prezz tad-diesel tat-triq mill-1 ta' Jannar 2009 jew mill-aħħar aġġustament imwettaq minn din id-data".

8 Għalhekk, il-Ministeru tal-Infrastrutturi u tat-Trasport ippubblika kull xahar, b'effett minn Ġunju 2009, id-data dwar il-medja tal-prezzijiet tal-karburant, sal-pubblikazzjoni, fit-2 ta' Novembru 2011, tat-tabelli stabbiliti mill-Osservatorio li twaqqaf f'Lulju 2010.

9 L-Artikolu 1(248) tal-Liġi Nru 190/2014, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015, emenda l-Artikolu 83a tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008 b'tali mod li d-determinazzjoni tar-remunerazzjoni issa hija l-awtonomija tal-partijiet. Dan l-artikolu tal-aħħar, kif emendat bil-Liġi Nru 190/2014, madankollu ma huwiex applikabbli, *ratione temporis*, għall-kawża prinċipali.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Salumificio Murru ġiet ordnata tħallas is-somma ta' EUR 37136.27, flimkien ma' interessi moratorji, spejjeż u tariffi, lill-impriża Autotrasporti di Marongiu Remigio, bħala saldu tal-prezz tat-trasport imwettaq minn din tal-aħħar skont il-ftehim verbali konkluż ma din tal-ewwel, u li tikkorrispondi, b'mod partikolari, għad-differenza bejn l-ammonti mħallsa u l-ammonti dovuti skont l-Artikolu 83a (6) sa (9) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008.

11 Salumificio Murru ippreżentat rikors kontra din l-ordni, billi argumentat, b'mod partikolari, li din id-dispożizzjoni hija antikostituzzjonali u li kienet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Autotrasporti di Marongiu Remigio talbet li dan ir-rikors jiġi miċħud.

12 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, bis-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, API *et* (C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li permezz tagħha l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat, li huma stabbiliti minn organu kompost prinċipalment minn rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

13 Madankollu, hija tirrileva li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja evalwat sitwazzjoni differenti minn dik li għandha quddiemha bħalissa.

14 Skont il-qorti tar-rinviju, f'din il-kawża, il-kwistjoni kienet dwar l-ispejjeż minimi tal-operat iffissati mill-Osservatorio, organu kompost prinċipalment minn rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, filwaqt li fil-kawża prinċipali, il-kwistjoni hija dwar il-prezzijiet minimi ffissati mill-Ministeru tal-Infrastrutturi u tat-Trasport. Għaldaqstant, hija tqis li d-deċiżjoni tas-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, API *et* (C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147) ma tistax tapplika għal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

15 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 50 sa 57 tas-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, API *et* (C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147), il-qorti tar-rinviju tistaqsi, madankollu, dwar jekk tali leġiżlazzjoni hijiex kuntrarja għall-obbligu impost fuq l-Istati Membri li ma jadottawx jew ma jżommux fis-seħħ miżuri, anki ta' natura leġiżlattiva jew regolamentari, li jistgħu jaffettwaw l-effett utli tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale di Cagliari (qorti ta' Cagliari, Italja) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

1. L-Artikolu 101 TFUE, moqri flimien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 83a(10) tad-Digriet Liġi Nru 112/2008, sa fejn il-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat stabbiliti mill-Ministeru tal-Infrastrutturi u tat-Trasport u ma jitħalliex għad-determinazzjoni libera tal-kontraenti?

2. B'teħid inkunsiderazzjoni tal-kwalità ta' awtorità pubblika tal-Ministeru tal-Infrastrutturi u tat-Trasport, ir-regoli tal-kompetizzjoni fis-suq intern jistgħu jkunu ristretti permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jiġi segwit l-għan ta' protezzjoni tas-sigurtà fit-toroq?"

Fuq id-domandi preliminari

17 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura, meta domanda preliminari magħmula tkun identika għal domanda li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja tkun diġà ddeċidiet, meta r-risposta għal tali domanda tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza jew meta r-risposta għad-domanda preliminari ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

18 Din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

19 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat stabbiliti minn amministrazzjoni nazzjonali.

20 Kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 101 TFUE jikkonċerna biss l-aġir tal-impriżi u ma jirrigwardax miżuri leġiżlattivi jew regolamentari li joriġinaw mill-Istati Membri, xorta waħda jibqa' l-fatt li dan l-artikolu, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, li jistabbilixxi obbligu ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, jimponi lil dawn tal-aħħar ma jadottawx jew ma jżommux fis-seħħ miżuri, anki ta' natura leġiżlattiva jew regolamentari, li jistgħu jeliminaw l-effett utli tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, API *et*, C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

21 Ikun hemm ksur tal-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, meta Stat Membru jew jimponi jew jiffavorixxi l-konklużjoni ta' akkordji li jmorru kontra l-Artikolu 101 TFUE jew isaħħaħ l-effetti ta' tali akkordji, jew ineħħi mil-leġiżlazzjoni tiegħu stess in-natura statali tagħha billi jiddelega lill-operaturi privati r-responsabbiltà li jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-interess ekonomiku (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, API *et*, C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147, punt 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

22 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-ispejjeż minimi msemmija fl-Artikolu 83(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008 huma ffissati mill-Ministeru tal-Infrastrutturi u tat-Trasport innifsu, wara li jinstemgħu l-aktar assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tat-trasportaturi u tal-klijenti tagħhom.

23 B'kunsiderazzjoni għal dawn il-modalitajiet ta' ffissar, huwa manifest li l-Istat Membru bl-ebda mod ma neħħa mil-leġiżlazzjoni tiegħu n-natura statali tagħha billi ddelega lil operaturi privati r-responabbiltà li jintervjenu sabiex jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-interess ekonomiku.

24 Din il-konklużjoni ma hijiex kkonfutata mill-fatt li l-ispejjeż minimi msemmija fl-Artikolu 83(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008 huma ffissati wara li jkunu nstemgħu l-aktar assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tat-trasportaturi u tal-klijenti tagħhom (ara, f'dan is-sens, s-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, API *et*, C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

25 Għall-istess raġunijiet relatati mal-modalitajiet ta' ffissar mill-Ministeru tal-Infrastrutturi u tat-Trasport tal-ispejjeż minimi msemmija fl-Artikolu 83(a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/2008, ma jistax jitqies li dispożizzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti l-konklużjoni ta' akkordju bejn impriżi, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE, li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu imponew, iffavorixxew jew saħħew l-effetti tagħhom.

26 F'dan is-sens, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija differenti minn dik eżaminata fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, API *et* C-184/13 sa C-187/13, C-194/13, C-195/13 u C-208/13, EU:C:2014:2147), li fil-punt 41 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Osservatorio kellu jitqies li huwa assoċjazzjoni ta' impriżi fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE meta huwa jadotta deċiżjonijiet li jiffissaw l-ispejjeż minimi tal-operat għat-trasport bit-triq.

27 Għaldaqstant, f'dan il-każ, ma hemmx lok li jiġi evalwat jekk leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali timponix restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni effettivament meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implementazzjoni ta' għanijiet leġittimi.

28 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat iffissati minn amministrazzjoni nazzjonali.

Fuq l-ispejjeż

29 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq f'isem terzi ma jistax ikun inqas mill-ispejjeż minimi tal-operat iffissati minn awtorità nazzjonali.

Firem